**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Mejju, 2017

Rikors Nru : 511/16 AL

AB
Vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewwgu fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elf disa` mija tmienja u tmenin (1988) (Dok. A), ilhom isseparati ghal iktar minn erba' (4) snin u permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Zammit tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju ta' l-elfejn u tmienja (2008) huma ssepparaw legalment (Dok. B);

Illi huma irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin u permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tat-tletin (30) ta' Jannar ta' l-elfejn u erbatax (2014) bieghu u trasferixxew il-fond bin-numru ufficjali erbgha u erbghin (44) gia maghruf bin-numru dsatax (19) u bl-

isem “XXXXXXXX li kienet isservi bhala d-dar matrimonjali (Dok. C);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi m’hemmx prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi inoltre qed jigi anness affidavit tar-rikorrenti dwar il-konferma tal-fatti (Dok. D);

Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha imposti mil-ligi ghall-otteniment ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimat tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat u annotat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Dicembru 2016;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u fis-seduta tal-4 ta’ Mejju 2017 ma dehritx;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta’ Lulju 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.